MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 45/2005

**Avviz numru 45/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Toys'n Kids Limited gja Chains Enterprises Limited (C 12916)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn, wiehed u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm3,281.16) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2141 3120, 2141 8019 u 2141 7689 dana skond ma kif jidher mid-dokument annessi mall-avviz u mmarkati Dok A, B, C, D, E, u F.

Bl-ispejjez tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, mitejn, wiehed u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm3,281.16) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-27 ta' Jannar, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------